# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI**

**Isem:** ____________________________ **Klassi:** _______________

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 10 | 6 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:***

# L-Għerien fix-Xagħra



(Għar Kalipso)

Ir-raħal tax-Xagħra huwa magħruf għall-istorja twila li għandu. Ta' dan għandna xhieda t-tempji tal-Ġgantija li jeħduna lura għal madwar 3600 sena qabel Kristu. Biss dan mhux kollox għax ix-Xagħra hi mimlija b'ħafna postijiet ta' interess li jiġbdu mijiet ta' turisti li jiġu jżuruhom ta' kull sena. Fost dawn il-postijiet nistgħu nsemmu l-mitħna ta' Kola u n-numru ta' għerien li għandna madwar ir-raħal. (*par. 1*)

Żewġ għerien li nstabu madwar l-istess żminijiet u li għandhom ħafna similaritajiet bejniethom huma l-Għar ta' Ninu u l-Għar ta' Xerri. L-Għar ta' Ninu ġie mikxuf fis-sena 1888 minn Ġużeppi Rapa, f'għalqa li f'dak iż-żmien kienet tissejjaħ ta' Ninu. Ninu kien dak ir-raġel xiħ li, qabel Ġużeppi Rapa, kellu l-għalqa f'idejh. Fit-18 ta' Marzu 1888, Ġużeppi Rapa kien qiegħed iħaffer spiera fl-għalqa msemmija, iżda sab ħafna blat iebes u qata' qalbu. Billi kien bla xogħol, emigra lejn Bona u reġa' lura sitt xhur wara. Mill-ġdid reġa' beda jħaffer, sab toqba, kabbarha iżjed li seta' jgħaddi minnha, u hemmhekk ra għall-ewwel darba l-ġmiel li taf tagħmel in-natura. Dak li ra Ġużeppi Rapa għadu jidher sa llum. F'dan l-għar wieħed jista' jara stalaktiti u stalagmiti ta' għamliet differenti. Uħud għandhom forma ta' labar irqaq u oħrajn ta' annimali jew bnedmin. (*par. 2*)

L-Għar ta' Xerri nstab fl-1923 minn Ġużeppi Xerri meta dan kien qiegħed iħaffer spiera għall-ilma fl-istess dar fejn kien joqgħod. Bħal fl-għar li ġa semmejna qabel, f'dan l-għar insibu li hemm eluf ta' stalaktiti u stalagmiti. Il-ġebel hu solidu, iżda bid-dawl warajh, dan jieħu dehra oħra billi d-dawl jgħaddi minn ġo fih. Jidhru ħafna forom bħal kolonni, iljunfanti, fekruna, ġiraffa u għamliet oħra. Skond il-ġeoloġisti, biex stalaktita tikber 0.01 ta' ċentimetru, trid sena u biex tiġi ffurmata kolonna ta' għoli ta' 210 ċentimetru jridu jgħaddu 4000 sena. (*par. 3*)

Għar ieħor li nsibu fix-Xagħra huwa Għar Kalipso. Dan jinsab fuq riħ il-bajja tar-Ramla. Skond kif tgħidilna t-tradizzjoni, dan l-għar huwa msemmi fil-poema *Odissea* tal-poeta Grieg Omeru. Omeru jgħid li f'dan l-għar kienet tgħix ninfa li kien jisimha Kalipso u li minnha mhux dan l-għar biss ħa l-isem, iżda anke l-gżira kollha ta' Għawdex, li bdiet tissejjaħ il-Gżira ta' Kalipso. (*par. 4*)

(*Meħuda mill-kitba ta' D. Theuma f'**Il-Ħajja f'Għawdex,** 2005*)

## A. FEHIM IT-TEST *(10 marki)*

1. Għalxiex hu magħruf l-aktar ir-raħal tax-Xagħra ? (*par. 1*)

_______________________________________________ (marka)

2. Barra t-tempju, semmi post ieħor ta' interess li jsemmi l-awtur. (*par. 1*)

_______________________________________________ (marka)

3. Liema żewġ għerien jixbhu ħafna lil xulxin? (*par. 2*)

_______________________________________________ (marka)

4. Għaliex Ġużeppi Rapa kellu jieqaf milli jħaffer l-ispiera? (*par. 2*)

_______________________________________________ (marka)

5. X'ra Ġużeppi Rapa meta daħal l-ewwel darba fl-għar ? (*par. 2*)

_______________________________________________ (marka)

6. Fejn jinstab l-għar li ħaffer Ġużeppi Xerri? (*par. 3*)

_______________________________________________ (marka)

7. X'jiġrilu l-ġebel ta' l-għar meta jkollu d-dawl warajh? (*par. 3*)

_______________________________________________ (marka)

8. Semmi waħda mill-forom li għandu l-ġebel ta' dan il-għar? (*par. 3*)

_______________________________________________ (marka)

9. Min kien Omeru? (*par. 4*)

_______________________________________________ (marka)

10. Għawdex minn fejn ħa l-isem ta' "Il-Gżira ta' Kalipso"? (*par. 4*)

_______________________________________________ (marka)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | ***(20 marka)*** |
|---|---|

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Min-nom **xiħ** noħorġu ***n-nom denominattiv*** **xjuħija.**
   Oħroġ nom denominattiv mill-kelmiet li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| i | tifel | |
| ii | qalb | |
| iii | bieżel | |

(3 marki)

2. In-nom ***mitħna*** hu ***nom mimmat*** li ġej mill-verb ***taħan.***
   Oħroġ nom mimmat minn dawn il-kelmiet li ġejjin:

   (a) qadef - ____________________ ; (b) xitla - ______________________ (2 marki)

3. Mill-verb **sab** noħorġu n-nom verbali ***sejba.***

   Oħroġ nom verbali minn: (a) qabeż ____________________

   (b) seraq ____________________ (2 marki)

4. Immarka b' **X** wara t-tweġiba t-tajba.
   In-nom **ġmiel** hu nom :

   (a) animat ___ ; (b) verbali ___ ; (ċ) astratt ___ . (marka)

5. Il-frażi ***riħ il-bajja*** hi frażi fl-***istat kostrutt***. Qiegħed dawn il-frażijiet li ġejjin fl-istat kostrutt:

   (a) il-mara tal-bidwi ________________________________

   (b) il-widna tal-fenek ________________________________ (2 marki)

6. Imla l-vojt:
   (a) Ġużeppi Rapa kien raġel minn Għawdex. Mela ngħidu li kien raġel ____________

   (b) Meta sab l-għar, jingħad li Ġużeppi ___________ qabża bil-ferħ.

(2 marki)

## LESSIKU / VOKABULARJU

7. Flok il-kelma **għar** (*par. 2*) nistgħu niktbu l-kelma:____________________ (marka)

8. Minn *paragrafu 2* sib kelma li tfisser **bir fond**:

   Il-kelma hi: __________________________ (marka)

## ANALIŻI TESTWALI

9. Fis-silta, il-kelmiet ***ġie mikxuf*** (*par. 2*) ifissru li:
   (a) l-għar ma baqax mgħotti bil-ħamrija (___)
   (b) instab (___)
   (ċ) beda jħoss il-bard għax inkixef (___) (marka)

10. Flok il-frażi: ***dawn l-għerien għandhom ħafna similaritajiet bejniethom***, aħna nistgħu niktbu: *dawn l-għerien* __________________________ *lil xulxin.* (marka)

11. Il-kelmiet ***Dan jinsab*** (*par. 4*) qegħdin jirreferu għall-__________________. (marka)

## SINTASSI

12. Agħmel il-punteġġjatura fejn suppost:
    *Ġużeppi qal lil martu jien se nsiefer sa bona biex forsi nsib ix-xogħol*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI *(4 marki)*

1. Fisser l-idjoma b'sing taħtha:
   ***B'qalbu tħabbat sitta sitta***, Ġużeppi Rapa daħal fil-għar li kien sab.

______________________________________________________________ (2 marki)

2. Meta mart Ġużeppi saret taf li żewġha kien se jsiefer Bona minħabba x-xogħol, qalet, "***Nieħdu kollox minn idejn Alla***".

   Hi qalet hekk għaliex __________________________________________________

(2 marki)

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV** ***(10 marki)***

**Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar 30 kelma fuqha:**

**(a)** L-għaqda *Wirt Preistoriku Malti* ppubblikat ktieb li jismu "**Il-Preistorja f'Malta"**. Ikteb **riklam** għal dan il-ktieb. Tista' ssemmi x'fih il-ktieb, kemm fih paġni, stampi u ritratti, il-prezz u minn fejn jista' jinxtara.

**JEW**

**(b)** Fl-iskola fejn tmur se ssir kompetizzjoni għall-aħjar komponiment li jittratta dwar ġrajja storika li seħħet f'pajjiżna. Ikteb **l-avviż** għal din il-kompetizzjoni. Semmi s-suġġett, id-data ta' l-għeluq, id-daqs tal-komponiment u xi informazzjoni oħra importanti.

**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI** ***(6 marki)***

Ikteb **6 sentenzi** dwar **suġġett** li fittixt dwaru għall-proġett ***Idea ta' Lingwa***.

## F. LETTERATURA *(30 marka)*

**(i) Nadriet**

1. Aqra din il-poeżija ta' Mario Azzopardi u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:

**QASBA**

Hemm dil-qasba donnha xi armla
titlob solitarja
fil-ġnien xott fejn mank baqa' sardinella
waħda trejjex. Hemm dil-qasba
qed tfittex b'ħarsa lejn is-sema.

Fis-setaħ tlettax-il żerriegħa
li qatt ma waqgħu fil-ħamrija.
Donnhom żibeġ ta' kuruna maqtugħa.
Għax ħadd m'għadu jitlob.

Il-qasba biss qed tħares lejn is-sema,
tistenna jiġri xi ħaġa.

a. X'qiegħed jara l-poeta? (v. 1) ________________________ (marka)

b. Fejn qiegħda din il-qasba? (v. 3) ________________________ (marka)

ċ. X'hemm fis-setaħ? (v. 6) ________________________ (marka)

d. Iż-żerriegħa qishom ________________________ (marka)

e. Din il-poeżija għandha versi
(a) bla rima__, (b) b'rima mqabbża__, (ċ) b'rima mbewsa__. (marka)

3. **Aktar Nadriet Poetiċi**. Agħżel poeżija minn hawn taħt u ikteb il-ħsieb ta' **waħda** minnhom f'madwar 20 kelma.

| |
|---|
| *Fis-Skiet* ta' C. Calleja, *Matul is-Snin tal-Ħajja* ta' Ġ. Chetcuti, *Jekk Baħar Int Għalija* ta' C. G. Cauchi, *Raqdet il-Belt* ta' L. Sciberras, *Fuq il-Palm tal-Ħbiberija* ta' Philip Sciberras, *Iż-Żgħożija* ta' Ch. Flores, *Fjura tas-Sur* ta' M. F. Bezzina jew *Ħabbata* ta' M. Vella |

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (5marki)

**(ii) Jinqabad bid-Drogi** - Sedqa

1. Biex iġġib lil Ċinzja lura d-dar, ommha Ewkarja qiegħda ______________________

____________________________________________________________ (3 marki)

2. F'**Ngħix bl-imħabba tal-biċċiet**, ir-raġel ta' Helen kien:

(a) jeħodha dawra __, (b) isawwatha ___, (ċ) jixrtilha ħafna ħwejjeġ __ (marka)

3. F'**Monologu**, Martin u Simon ir-Raggae kienu żewġt aħwa li:

____________________________________________________________ (marka)

**(iii) Stejjer taċ-Ċarrut -** Sedqa **(6 marki)**

Ikteb **żewġ (2**) sentenzi dwar **tnejn (2)** minn dawn:
(a) **Jitkellem James Grech** (b) **Il-Bulijiet** (ċ)**L-iskuter** (d) **It-Twajjeb** (e) **Lil Sladjan**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(iv) Stejjer għal Qabel Jidlam** ta' Oliver Friggieri **(9 marki)**
F'madwar **30** kelma, għid x'ġara f'**waħda** minn dawn l-istejjer.
(*Ikteb fuq karta separata*)

(a) **It-Tifel tal-Baħar**, (b) **Ix-Xemx fuq it-Tieqa,** (ċ) **L-Ewwel Telefonata**

| **Ġ. KOMPONIMENT** | ***(20 marka)*** |
|---|---|

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Kienet ġrat waħda tinkiteb dakinhar li dħalna fl-għar!
2. L-ewwel safra tiegħi.
3. Post ta' interess li ilni ħafna biex inżur.
4. Persunaġġ storiku li qrajt dwaru.
5. Ir-raħal / Il-belt fejn ngħix.
6. Għaliex għandna nieħdu ħsieb il-postijiet storiċi tagħna?